MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 44/2015

A B

Vs

C E B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elf, disa` mija u sitta u tmenin (1986) kif jidher mi-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u

mmarkat bhala Dok. A, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal, L B` fit-tmienja (8) ta’ Novembru, tas-sena elf, disa` mija u sebgha u tmenin (1987), u K B` fil-hmistax (15) ta’ Gunju tas-sena elf, disa` mija u tnejn u disghin (1992), u li llum huma maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Grech Cordina tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema kuntratt qieghed jigi hawn anness bhala Dok. B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom jghixu b’mod separat minn xulxin ghal dawn l-ahhar hames (5) snin, u illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi permezz tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni, il-partiiet itterminaw u giet spartita l-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejniethom, kif ukoll illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom ghall-manteniment minghand xulxin u ghalhekk m’ghandhom l-ebda pretenzjoni kwalsiasi fil-konfront ta’ xulxin inkluz ebda hlas ta’ manteniment;

Illi ma hemm l-ebda obbligu ta’ hlas ta’ manteniment fir-rigward tal-ulied stante li dawn illum huma maggorenni, kif ukoll stante li fir-rigward ta’ K B` il-manteniment kollu pendenti skont il-kuntratt ta’ separazzjoni gie mhallas a saldu;

Illi r-rikorrenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u jitlob li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti;

Illi l-kontendenti t-tnejn jissodisfaw ir-rekwiziti stipulati fl-Artikolu 66N tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elf, disa` mija u sitta u tmenin (1986);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir prefiss minn din l-Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha eccepiet :

1. Illi hija mhux qed topponi ghat-talba ta' l-attur kif kontenuta fir-rikors tieghu b'dan izda li hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri hi;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-21 ta' Awissu 2014; izda ilhom de facto separati ghal aktar minn hames snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------